

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0123/06

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Jan Zahradil, Hynek Fajmon, Ivo Strejček, Oldřich Vlasák, Jaroslav Zvěřina, Nina Škottová, Miroslav Ouzký, Daniel Stroj, Věra Flasarová, Miloslav Ransdorf, Jaromír Kohlíček, Petr Duchoň, Tomáš Zatloukal, Zuzana Roithová, Ján Hudacký, Zita Pleštinská, Milan Gaľa, Milan Cabrnoc, Vladimír Remek, Vladimír Železný, Josef Zieleniec, Árpád Duka-Zólyomi, Jan Březina, Edit Bauer, Richard Ashworth, Neil Parish, Philip Bradbourn, Geoffrey Van Orden, John Bowis, Malcolm Harbour, Christopher Beazley, Den Dover, Charles Tannock, Roger Helmer, Daniel Hannan, Christopher Heaton-Harris, Philip Bushill-Matthews, James Elles, Struan Stevenson, Libor Rouček, Richard Falbr u Jana Bobošíková
lill-Kummissjoni

Suġġett: Appoġġ għall-PPPs u l-politika ta' koeżjoni

Il-fenomeni ta' sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat (PPP), li qed jagħti definizzjoni ġdida tar-relazzjoni bejn l-amministrazzjoni pubblika u s-settur privat, qed jiżviluppa b'pass mgħaġġel u qed ikollu rwol ewlieni fi proġetti ta' politika ta' koeżjoni kif ukoll fil-kuntest ta' l-lħiq ta' l-oġġettivi ta' Liżbona. Dan ġie kkonfermat kemm mill-Green Paper dwar il-PPPs kif ukoll mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sħubiji bejn il-Pubbliku u l-Privat u l-Liġi Komunitarja dwar l-Akkwist Pubbliku u Konċessjonijiet. Il-mudell imħallat, fejn istituzzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika tkun is-sid ta' l-infrastruttura u kumpanija privata, li ġieli tkun sopranazzjonali, toffri servizzi fuq il-bażi ta' kuntratt ta' operazzjoni, jista' jitqies bħala prattika tajba u effettiva fl-immaniġġjar ta' servizzi tas-settur pubbliku.

L-Istati Membri l-ġodda għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja f'perjodu relattivament qasir. Eżempju wieħed f'dan il-qasam huwa l-immaniġġjar ta' l-ilma, fejn l-infrastruttura teħtieġ li tkun immodernizzata u żviluppata sabiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE¹ dwar it-trattament ta' l-ilma skartat f'żoni urbani. Meta taw l-impenn tagħhom, l-Istati Membri u b'mod partikulari l-awtoritajiet amministrattivi li huma sidien ta' infrastruttura ta' l-immaniġġjar ta' l-ilma mxew fuq il-bażi li r-riżorsi finanzjarji mill-fond ta' koeżjoni se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-acquis. Madankollu, fil-kuntest ta' l-approvazzjoni ta' proġetti taħt il-fond ta' koeżjoni li jinvolvu l-mudell imħallat (infrastruttura f'idejn l-awtorità lokali u operata minn entità privata), l-awtoritajiet amministrattivi jinnotaw li qed jiffaċċjaw problema sinifikanti min-naħa tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni temmen li, f'dawn il-każi, jaf ikun hemm ksur ta' xi regolli ġenerali ta' l-UE, li mhumiex speċifikati b'mod preċiż jew ma jinstabux fl-ebda att leġislativ, u titlob li tiġi segwita xi forma astratta ta' 'l-aqwa prattika internazzjonali'. Skond il-Kummissjoni jeżistu problemi relatati ma' l-użu ta' PPPs fl-immaniġġjar ta' l-ilma fi Stati Membri varji, li qed jiġu ttrattati fuq il-bażi ta' każijiet individwali. Madankollu, barra milli tagħmel xi osservazzjonijiet ġenerali, il-Kummissjoni għad trid tressaq argument legali rilevanti li juri li l-liġi Komunitarja qed tinkiser f'dawn il-każi u li għalhekk għajjnuna ma tistax tingħata mill-fond ta' koeżjoni. Bl-azzjonijiet tagħha, li mhumiex ibbażati fuq argumentazzjoni legali xierqa, il-Kummissjoni qed tostakola l-użu xieraq tal-fond ta' koeżjoni għall-finijiet li tissodisfa l-impenni li ġew mogħtija lill-Istati Membri mil-liġi Komunitarja. Bħala riżultat tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, numru ta' proġetti li jużaw il-mudell PPP li qed ikollhom impatt fundamentali fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini qed isibu ruħhom mhedda. Li kieku kien il-każ li l-liġi Komunitarja kienet qed tinkiser bl-użu ta' PPPs, il-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, kienet ċertament tibda proċeduri ta' ksur tar-regolamenti mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni kif biħsiebha ssolvi din is-sitwazzjoni sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jassorbu l-iffinanzjar mill-fond ta' koeżjoni u fl-istess ħin jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fid-

¹ ĠUL 135, 30.5.1991, p. 40.

Direttiva 91/271/KEE li għaliha impenjaw ruħhom taħt it-Trattat ta' Adeżjoni? Il-Kummissjoni kif biħsiebha tiżgura ċ-ċertezza legali għall-awtoritajiet amministrattivi u s-sħab tagħhom u li jkun garantit il-prinċipju tat-trattament ugwali?

Imressqa: 19.10.2006

Mibgħuta: 23.10.2006

Skadenza: 30.10.2006